MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 288/2003

***Carmel, Grazzio, Mario, John u Paul ahwa Magro ezercenti n-negozju Firm Michael Magro***

***vs***

***Antonio Moldi***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u disgha u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm779.75) rappresentanti ammont dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut gewwa Ken's Store.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-11 ta' Novembru 2002 u bl-imghax legali mid-29 ta' April 2002, data ta' l-ahhar invoice sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Ra illi l-atturi irriducew it-talba taghhom b'Lm20 fis-seduta tal-11 ta' April 2003 u ddikjaraw illi l-ammont dovut huwa ta' Lm759.75.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Anthony Cutajar, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif ridotta ta' seba' mija u disgha u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm759.75), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------